**Wiċċi 'l fuq**

Qiegħed fuq is-sodda
Mixħut, ħiemed għall-kwiet,
B'għajnejja miksura
Nikkontempla l-ġrajjiet.

Inkesa madwari
Il-ħajt inviżibbli,
Ta' twemmin hekk fieragħ
Li hu inkredibbli.

Possibbli f'did-dinja
Kulħadd jinstab għalih?
Għaliex kif niltaqgħu
Kulħadd biss jaħseb fih?

Fejn marret l-imħabba
Li tant ngħajtu biha?
Għaliex ninsultawha?
Kemm se nġebbdu fiha?

Tgħid daqshekk diffiċli
Li nħobbu lil xulxin?
Għax qed nagħmlu plejtu
Li hawn tant barranin?

Għal xulxin hekk sirna
Mejtin w ħajjin l-istess,
Meta ħa nitgħallmu
Ngħixu mingħajr l-istress?

Jaħasra niftakru
Għal hawn int, jien, m'aħniex,
Jekk naħsbu biss fina
Ħienja ma taraniex.

Niltaqgħu, nitkellmu
Inċedu, b'qalb kbira,
Għax hekk kif immutu
Tkun saret il-ftira.

Imbagħad tgħidx għax qiegħed
Fin-nirien tal-infern,
Jekk lil ħuk warrabtu
B'mibegħda mill-intern.

Ejjew ninfdew kollha
Nitgħallmu nisimgħu,

B'hekk biss għad infiequ
Talbna għad jisimgħu.

Dak Alla Missierna
Li għad ilkoll narawh,
Inħobbuh f'min waħdu
Lil dmugħu nixxuttaw.

Iridna familja
Ħallina mill-klikek,
Ħa niltaqgħu l-aħwa
Ħa nfiequ minn niket.

Kulħadd jista' jħobbok
Int biss iftaħ qalbek,
Ħalli lil min jgħannqek
Għalik qed iħabbrek.

Biex int tagħraf ħaġa
Li bil-kotra thennik,
Emmen li persuna
Ħajjitha trid ittik.

Imqar bi tbissima
Jew awgurju mill-qalb,
Tibżax, int biss ftakar
Kemm int maħbub fit-talb.

L-ebda pużizzjoni
M'għandha taqtgħek minn nies,
Ibqa' tħallat b'għaqal
Ħa tibqa' tħobb bla qjies.

Allura ħabibi
Trid is-sema idduq,
Ibqa' ħobb lill-għajrek
Waqt li jien wiċċi 'l fuq.

Patri Mario Attard OFM Cap
28 t'April 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.